# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 25 ta' Awwissu 2022**

**Kawza Numru: 15**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 444/2022 JVC**

**L-Avukat Mary Rose Micallef (K.I. nru. 512491(M)) bħala mandatarju speċjali tal-assenti Lisa Marjukka Aho (Passaport Finlandiż nru. 385647703 u Permess ta' Residenza Maltija nru. MT2917048) *qua* mandatarju speċjali maħtura bis-saħħa ta' prokura speċjali (Dok. 'A')**

**vs**

**Kari Juhani Pentti (Passaport Finalndiż nru. FP1876807)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti l-Avukat Dr Mary Rose Micallef bhala mandatarju specjali tal-assenti Lisa Marjukka Aho kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

**<u>'Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża</u>**

1. Ir-rikorrenti Lisa Marjukka Aho hija proprjetarja tal-appartament numru tlieta (3), ġewwa l-korp li jġib l-isem ta' 'Kwartett', fi Triq iż-Żnuber, il-Mellieħa (**Dok. 'A'**).

2. L-imħarrek Kari Pentti qiegħed jokkupa il-fond imsemmi mingħajr ebda titolu validu skond il-Liġi. Huwa beda jokkupa dan il-fond bit-tolleranza tar-rikorrenti Lisa Marjukka Aho. L-istanti Lisa Marjukka Aho skattat proċeduri biex tbiegħ dan il-fond, u għalhekk talbet lill-imħarrek sabiex jiżgombra ruħu minn ħwejjiġha.

3. Minkejja li l-imħarrek ġie interpellat sabiex jiżgombra mill-fond *de quo* huwa baqa' ma tax widen għat-talba tal-istanti sid.

4. Għalhekk jeżistu l-elementi kollha tal-Liġi *ai termini* tal-art. 167 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet Maltin, 'l għaliex li l-intimat *de quo*, issa, m'għandux titolu validu fil-liġi u jinsab jokkupa il-post abbużivament u illegalment u fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimat m'għandu l-ebda eċċezzjoni x'jagħti kontra t-talbiet tar-rikorrenti *nomine*.

5. Ir-rikorrenti Lisa Marjukka Aho taf b'dawn il-fatti personalment.

**<u>Raġuni tat-Talba</u>**

1. Tabilħaqq u għalhekk kellha issir din il-kawża.

**<u>Talbiet</u>:**

Jgħid għalhekk l-intimat imħarrek 'l għaliex din il-Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:-

1. Tipproċedi u tiddeċiedi minnufih il-kawża, billi tilqa' t-talba tal-attriċi *noe* bid-dispensa tas-smiegħ *ai termini* tal-artikolu 167 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet Maltin;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat imħarrek qed jokkupa u jżomm l-numru tlieta (3), ġewwa l-korp li jġib l-isem ta' 'Kwartett', fi Triq iż-Żnuber, il-Mellieħa, mingħajr ebda titolu validu fil-Liġi;

3. Konsegwentement tordna lill-intimat imħarrek sabiex jiżgombra mill-imsemmi fond fi żmien qasir u perentorju u jikkonsenja ċ-ċwievet tal-imsemmi fond lir-rikorrenti *nomine;*

B'riserva u mingħajr preġudizzju għal kull dritt u/jew azzjoni spettanti lir-rikorrenti għal-ħlas ta' danni konsegwenzjali u bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa min issa inġunt għas-subizzjoni.'.

Rat li fl-atti Kari Juhani Pentti gie debitament notifikat permezz tal-procedura tal-affissjoni u publikazzjoni;

Rat illi ghalkemm debitament notifikat l-intimat fis-seduta tallum, imsejjah diversi drabi ma deherx;

Rat li effettivament fil-verbal tallum, l-Qorti ddikjarat lill-intimat kontumaci;

Illi mid-dokumentazzjoni annessa mal-istess rikors guramentat jirrizulta debitament pruvat illi l-Avukat Mary Rose Micallef nomine hija s-sid tal-appartament bin-numru 3, fil-blokka ta' appartamenti bl-isem 'Kwartett', fi Triq iz-Znuber, il-Mellieha;

Illi mill-atti l-intimat ma ressaq l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti kif ukoll l-ebda prova li huwa b'xi mod ghandu xi titolu fuq il-fond in kwistjoni;

Illi ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw debitament pruvati.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat Kari Juhani Pentti imħarrek qed jokkupa u jżomm l-appartament numru tlieta (3), ġewwa l-korp li jġib l-isem ta' 'Kwartett', fi Triq iż-Żnuber, il-Mellieħa, mingħajr ebda titolu validu fil-Liġi;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-intimat Kari Juhani Pentti sabiex jiżgombra mill-imsemmi fond fi żmien xahar millum u jikkonsenja ċ-ċwievet tal-imsemmi fond lir-rikorrenti *nomine;*

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**25 ta' Awwissu, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**25 ta' Awwissu, 2022**